**333. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jikri lil Radio Mediterranean Service bini f'Saint Francis Ravelin, Floriana, deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartiklu (1) ta' artiklu 3 ta' l-Att ta' l-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk b'dan riżolut li l-bini f'Saint Francis Ravelin, Floriana kif deskritt aħjar fl-abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti lil Radio Mediterranean Service għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet li imsemmija fl-istess abbozz.

31.10.1986